

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 276

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 58

21 ta' Awwissu 2015

Werrej

### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2015/C 276/01

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7672 — Volkswagen Financial Services/ Banco Bilbao Vizcaya Argentaria/Volkswagen Credit Compania Financiera) <sup>(1)</sup> ..... 1

### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2015/C 276/02

Rata tal-kambju tal-euro ..... 2

MT

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2015/C 276/03	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7633 — KIA/GNF/GPG) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	3
2015/C 276/04	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7751 — CVC Capital Partners SICAV-FIS SA/PKP Energetyka SA) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	4

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI  
U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.7672 — Volkswagen Financial Services/Banco Bilbao Vizcaya Argentaria/Volkswagen  
Credit Compania Financiera)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2015/C 276/01)

Fit-12 ta' Awwissu 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tippovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32015M7672. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

L-20 ta' Awwissu 2015

(2015/C 276/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1183	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4679
JPY	Yen Ġappuniż	138,50	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,6695
DKK	Krona Daniża	7,4627	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6898
GBP	Lira Sterlina	0,71380	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5702
SEK	Krona Żvediża	9,5014	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 332,53
CHF	Frank Żvizzeru	1,0772	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,4775
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,1449
NOK	Krona Norveġiża	9,2325	HRK	Kuna Kroata	7,5493
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 554,86
CZK	Krona Ċeka	27,023	MYR	Ringgit Malajżjan	4,5920
HUF	Forint Ungeriż	312,38	PHP	Peso Filippin	52,143
PLN	Zloty Pollakk	4,1904	RUB	Rouble Russu	75,3275
RON	Leu Rumun	4,4357	THB	Baht Tajlandiż	39,854
TRY	Lira Turka	3,3105	BRL	Real Brażiljan	3,9190
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5287	MXN	Peso Messikan	18,7203
			INR	Rupi Indjan	73,3046

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7633 — KIA/GNF/GPG)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 276/03)

1. Fit-13 ta' Awwissu 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriżi Kuwait Investment Authority ("KIA") (il-Kuwajt) permezz tas-sussidjarja li hija kollha proprjetà tagħha Wren House Infrastructure Management Ltd ("Wren House") (ir-Renju Unit) u Gas Natural SDG, S.A. ("GNF") (Spanja) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Global Power Generation S.A.U. (li qabel kienet imsem-mija Gas Natural Electricidad SDG, S.A.U. ("GPG") (Spanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għall-KIA: Il-KIA tiġġestixxi ċerti fondi ta' investimenti sovrana għal u fisem l-Istat tal-Kuwajt, din il-ġestjoni tinkludi investiment fl-infrastruttura fost kategoriji ta' assi oħra,
- għal GNF: hija kumpanija azzjonarja ta' grupp ta' tmexxija ta' kumpaniji involuti fil-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika u tad-distribuzzjoni u l-kummerċ tal-gass naturali, kemm fi Spanja u kemm internazzjonalment,
- għal GPG: Il-GPG hija s-sid u topera diversi infrastruttura tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u faċilitajiet assoċjati bbażati fuq tekonoloġiji tal-faħam, il-gass, l-ilma, ir-riħ, ix-xemx u termo. GPG tipprovdi wkoll servizzi ta' inġinerija u O&M (inklużi servizzi awżiljarji ta' appoġġ għall-faċilitajiet) kemm lill-faċilitajiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija li huma kkontrollati bħala grupp minn GNF u kemm dawk imħaddma minn terzi persuni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> ta' min wieħed jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7633 — KIA/GNF/GPG, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(<sup>1</sup>) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

(<sup>2</sup>) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.7751 — CVC Capital Partners SICAV-FIS SA/PKP Energetyka SA)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 276/04)

1. Fit-12 ta' Awwissu 2015 il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> permezz tal-impriża CVC Capital Partners SICAV-FIS SA (il-Lussemburgu) ("CVC"), permezz ta' ċerti Fondi tas-CVC, takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża PKP Energetyka SA (il-Polonja) kollha kemm hi ("PKP") permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal CVC: Il-Fondi CVC għandhom interessi f'għadd ta' kumpaniji f'diversi industrij f'osthom fil-kimiċi, l-utilitajiet, il-manifattura, il-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni, prinċiplament fl-Ewropa, fl-Istati Uniti tal-Amerika u fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku,
  - PKP hija impriża attiva fil-Polonja (a) fid-distribuzzjoni tal-elettriċità; (b) fil-bejgħ tal-elettriċità lill-klijenti bl-imnut, kummerċjali u industrijali; (c) fil-provvista ta' servizzi ta' inġinerija tal-enerġija, f'osthom (i) il-konstruzzjoni, il-modernizzazzjoni u l-manutenzjoni tan-netwerk tad-distribuzzjoni tal-enerġija, (ii) il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-ferrovija, (iii) il-manutenzjoni ta' sistemi ta' provvista ta' enerġija għall-għid, u (iv) servizzi ta' inġinerija tal-enerġija; (d) il-bejgħ ta' diesel oil għall-vetturi tal-ferrovija bid-diżil; u (e) l-bejgħ ta' gass naturali lill-klijenti industrijali u kummerċjali.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> ta' min wieħed jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7751 — CVC Capital Partners SICAV-FIS SA/PKP Energetyka SA, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.



ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**